A.L. 359 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Mdina

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54(2)(g) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, bi ftehim mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolament hu Regolament ta' l-2004 dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Mdina.

Vetturi li ma jistgħux jidħlu.

2. Ebda vettura, ħlief karrozzin, ma tista' tidħol f'xi triq jew pjazza fl-Mdina u lanqas tiċċirkola f'dik il-belt f'ebda ħin.

Eċċezzjonijiet.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolament 2:-

(a) vetturi li jkollhom liċenza f'isem residenti ta' l-Mdina, vetturi tat-tiġijiet, ambulanzi, vetturi tat-tifi tan-nar u vetturi tal-pulizija, vetturi tal-mejtin u vettura waħda tal-funeral, u vetturi użati minn tobba msejħin biex jinvistaw persuni fl-Mdina, għandu jkollhom kull dritt ta' dħul u passaġġ hemmhekk f'kull ħin;

(b) vetturi kummerċjali li jikkunsinnaw jew ibiegħu oġġetti fl-Mdina jkunu jistgħu jiċċirkolaw fl-Mdina għal dawk l-għanijiet, bejn is-6.00 u l-10.30 ta' fil-għodu u bejn it-3.30 u l-5.00 ta' wara nofsinhar fil-ġranet kollha;

(ċ) *mini-buses*, mikrijin biex iwasslu tfal li jattendu skejjel fl-Mdina, jistgħu jiċċirkolaw fl-Mdina bejn is-7.30 u d-9.00 ta' fil-għodu u bejn is-1.00 u s-2.00 ta' wara nofsinhar fil-ġranet ta' l-iskola;

(d) *taxi-cars*, u karrozzi mikrija bix-xufier, ikollhom biss aċċess u passaġġ fl-Mdina, minħajr parkeġġ, biex iwasslu residenti minn u lejn lukandi u residenzi fl-Mdina.

Il-Kunsill Lokali Mdina jista' jagħti permessi għal dħul temporanju.

4. (1) Il-Kunsill Lokali Mdina jista' jagħti permess biex vetturi jidħlu u jiċċirkolaw fil-belt ta' l-Mdina għal xi għan jew raġuni speċifika b'dawk il-kondizzjonijiet li l-Kunsill Lokali Mdina jista' jidhirlu xieraq li jimponi.

Formola biex issir applikazzjoni.

(2) L-applikazzjoni għall-permess imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir bil-miktub fuq il-formola apposta li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, u dik l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata mill-Kunsill Lokali Mdina wara li jsir ħlas amministrattiv ta' Lm1 lill-Kunsill Lokali Mdina għal kull applikazzjoni.

Il-permess jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

(3) Dak il-permess għandu jkun bil-miktub u jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Mdina, u għandu jintwera fil-vettura b'tali mod li dan ikun jista' jidher u jinqara minn barra l-vettura f'kull ħin li l-vettura tkun fl-Mdina.

Il-permess ma jaqbiżx 12-il xahar u mhuwiex trasferibbli.

(4) Dak il-permess għandu jinħareġ għal perjodu li ma jkunx aktar minn 12-il xahar mid-data tal-ħruġ tiegħu u dan la jkun trasferibbli għal xi persuna oħra u lanqas għal xi vettura oħra.

Iħassar A.L. 33 ta' l-1988.

5. Ir-Regolamenti ta' l-1988 dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ fl-Imdina, huma b'dan imħassra.

Skeda

(Regolament 4(2))

(Stemma)

Kunsill Lokali Mdina

APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS TEMPORANJU
GĦAL DĦUL BIL-VETTURA FL-MDINA

Dettalji ta' l-Applikant

Data ta' l-Applikazzjoni: _____

Isem u Kunjom:_____

Indirizz:_____

Nru. tat-Telefon: _____Nru. tal-Mobile:_____

Nru. tal-Karta ta' l-Identità: _____

Għaliex se jsir id-dħul fl-Mdina:_____

_____

Perjodu li matulu jinħtieġ il-permess:

Minn _____ sa _____

Ħin: Bejn_____ u _____

Firma: _____

GĦALL-UŻU TA' L-UFFIĊĊJU

Data meta l-applikazzjoni tasal għand il-Kunsill: _____

Dritt ta' Lm1 imħallas, Riċevuta Nru. _____Permess maħruġ:IVA____LE____

Kondizzjonijiet speċjali magħmula mill-Kunsill:_____

_____

Il-permess hu validu minn _____ sa _____

_____ _____

Firma tas-Sindku Firma tas-Segretarju Eżekuttiv